IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 2.6.2020
COM(2020) 217 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

L-irkupru tal-assi u l-konfiska:

Niżguraw li l-kriminalità ma trendix qligħ

MT MT

Werrej

1. INTRODUZZJONI 2

1.1. L-objettivi u l-elementi ewlenin tad-Direttiva 2014/42/UE 2

1.2. Il-qafas legali tal-UE, rilevanti għat-traċċar, għall-identifikazzjoni, għall-iffriżar u għall-konfiska ta’ assi akkwistati illegalment 3

1.3. L-iskop u l-istruttura tar-rapport, il-ġbir tal-informazzjoni u l-metodoloġija 4

2. VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA 5

2.1. Valutazzjoni ġenerali u l-impatt tad-Direttiva fuq is-sistemi nazzjonali għall-irkupru tal-assi 5

2.2. Valutazzjoni speċifika tal-miżuri ta’ traspożizzjoni fl-Istati Membri 6

2.2.1. Definizzjonijiet (l-Artikolu 2) 6

2.2.2. Kamp ta’ Applikazzjoni (l-Artikolu 3) 6

2.2.3. Konfiska (l-Artikolu 4) 7

2.2.4. Konfiska estiża (l-Artikolu 5) 8

2.2.5. Konfiska fir-rigward ta' parti terza (l-Artikolu 6) 9

2.2.6. Iffriżar (l-Artikolu 7) 10

2.2.7. Salvagwardji (l-Artikolu 8) 11

2.2.8. Konfiska u eżekuzzjoni effettivi (l-Artikolu 9) 12

2.2.9. Ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata (l-Artikolu 10) 13

2.2.10. Statistika (L-Artikolu 11) 13

3. VALUTAZZJONI TAL-FATTIBBILTÀ U L-BENEFIĊĊJI POSSIBBLI TAL-INTRODUZZJONI TA’ REGOLI KOMUNI ULTERJURI DWAR KONFISKA MHUX IBBAŻATA FUQ KUNDANNA 14

4. L-IDENTIFIKAZZJONI U T-TRAĊĊAR TA’ ASSI AKKWISTATI ILLEGALMENT 16

5. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI U L-IRKUPRU TAL-ASSI 17

6. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ ’IL QUDDIEM 18

1. INTRODUZZJONI

1.1. L-objettivi u l-elementi ewlenin tad-Direttiva 2014/42/UE

Il-kriminalità organizzata hija waħda mill-akbar theddidiet għas-sigurtà tal-Unjoni Ewropea. Skont il-Europol, bħalissa fl-Ewropa qed jiġu investigati aktar minn 5 000 grupp tal-kriminalità organizzata[1]. Il-kriminalità organizzata hija mmexxija mill-profitti u l-attivitajiet illegali tagħha jiġġeneraw profitti enormi: huwa stmat li bħalissa r-rikavat mill-kriminalità organizzata fl-UE jammonta għal madwar EUR 110 biljun fis-sena[2].

Il-Europol tistma li fl-UE madwar 2% biss mir-rikavati kriminali huma ffriżati u 1% huma kkonfiskati. Dan jippermetti lill-gruppi tal-kriminalità organizzata jinvestu fl-espansjoni tal-attivitajiet kriminali tagħhom u jinfiltraw l-ekonomija legali[3]. Il-Europol tistma li bejn 0,7 u 1,28% tal-PGD annwali tal-UE huwa involut f'attività finanzjarja suspettata[4].

Il-konfiska tar-rikavati kriminali hija komponent essenzjali tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata, peress li ċċaħħad lill-kriminali mill-qligħ finanzjarju tagħhom u tiżgura li l-kriminalità ma trendix qligħ.

Il-proċess tal-irkupru tal-assi jinkludi diversi fażijiet:

- **l-identifikazzjoni u t-traċċar** tal-assi akkwistati illegalment;
- **l-iffriżar u s-sekwestru tal-assi** bl-għan li sussegwentement jiġu kkonfiskati;
- **il-ġestjoni tal-assi ffriżati u ssekwestrati** sabiex jiġi ppreservat il-valur tagħhom;
- **il-konfiska** tal-assi akkwistati illegalment;
- **id-disponiment tal-assi kkonfiskati**, li tista' tinkludi l-użu mill-ġdid tagħhom għal skopijiet pubbliċi jew soċjali.

Fl-2014, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw id-Direttiva 2014/42/UE ("id-Direttiva"), li tistabbilixxi regoli minimi għall-iffriżar, għall-ġestjoni u għall-konfiska ta' assi kriminali. Id-Direttiva introduċiet:

- dispożizzjonijiet dwar **il-konfiska li ma tkunx ibbażata fuq kundanna** (tal-anqas jekk il-persuna akkużata jew suspettata taħrab jew tkun marida);

[1] https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-serious-and-organised-crime-threat-assessment-2017

[2] Transcrime, From illegal markets to legitimate businesses: the portfolio of organised crime in Europe, 2015, disponibbli fuq: http://www.transcrime.it/wp-content/uploads/2015/03/OCP-Full-Report.pdf

[3] Europol, Does crime still pay? Criminal Asset Recovery in the EU – Survey of statistical information 2010-2014, 2016, disponibbli fuq: https://www.europol.europa.eu/publications-documents/does-crime-still-pay

[4] Europol, From suspicion to action – Converting financial intelligence into greater operational impact, 2017, disponibbli fuq: https://www.europol.europa.eu/publications-documents/suspicion-to-action-converting-financial-intelligence-greater-operational-impact

- dispożizzjonijiet dwar **il-konfiska estiża għal lista speċifika ta' reati kriminali**;
- dispożizzjonijiet dwar **il-konfiska ta' partijiet terzi**;
- kjarifiki dwar **l-iffriżar tal-proprjetà bl-għan li sussegwentement tiġi kkonfiskata, li jinkludi l-iffriżar "urġenti"**;
- **salvagwardji stretti** li jiżguraw li d-drittijiet tal-partijiet, affettwati minn proċeduri ta' ffriżar jew ta' konfiska, jiġu rrispettati;
- regoli li jippermettu **l-iskoperta u t-traċċar tal-proprjetà anke wara kundanna finali** sabiex tiġi żgurata l-eżekuzzjoni effettiva ta' ordni ta' konfiska;
- dispożizzjonijiet dwar il-**ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u konfiskata**;
- dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-Istati Membri **jiġbru u jżommu *data* statistika komprensiva dwar l-iffriżar u l-konfiska**.

F'konformità mal-Protokolli 21 u 22 għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, rispettivament, ir-Renju Unit u d-Danimarka ma ħadux sehem fl-adozzjoni tad-Direttiva u, għalhekk, mhumiex marbutin biha jew soġġetti għall-applikazzjoni tagħha. L-Irlanda eżerċitat id-dritt tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni tad-Direttiva.

Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva, l-Istati Membri kienu obbligati jittrasponu d-dispożizzjonijiet tagħha fid-dritt nazzjonali sal-4 ta' Ottubru 2016.

1.2. Il-qafas legali tal-UE, rilevanti għat-traċċar, għall-identifikazzjoni, għall-iffriżar u għall-konfiska ta' assi akkwistati illegalment

Minbarra d-Direttiva 2014/42/UE, l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1805 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska[5] hija stadju importanti ieħor fil-qasam tal-irkupru tal-assi. Ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita l-irkupru transfruntier tal-assi u jagħmel l-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali madwar l-UE aktar veloċi u aktar sempliċi. Dan se jkun japplika għall-ordnijiet kollha ta' ffriżar u ta' konfiska maħruġa fil-qafas ta' prosekuzzjonijiet kriminali, u b'hekk jinkludi l-konfiska bbażata fuq kundanna u l-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna[6].

Il-kapaċità li jiġu ffriżati u kkonfiskati l-assi tiddependi direttament mill-kapaċità li dawn jiġu traċċati u identifikati b'mod effettiv. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI7 tobbliga lill-Istati Membri jistabbilixxu jew jinnominaw Uffiċċji nazzjonali għall-Irkupru tal-Assi sabiex jiżguraw l-aktar traċċar rapidu possibbli tal-assi illeċiti madwar l-UE kollha.

[5] Ir-Regolament (UE) 2018/1805 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ordnijiet ta' konfiska, ĠU L 303, 28.11.2018, pp.1-38.
[6] Se jibda japplika mid-19 ta' Diċembru 2020.
[7] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tas-6 ta' Diċembru 2007 dwar il-kooperazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-Istati Membri fil-qasam tar-rintraċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavati mill-kriminalità, jew proprjetà oħra relatata magħha, ĠU L 332, 18.12.2007, pp. 103–105.

Ittieħdu wkoll miżuri fil-livell tal-UE sabiex jiġi żgurat aċċess aktar veloċi għall-informazzjoni. Matul dawn l-aħħar tliet deċennji, l-Unjoni Ewropea żviluppat qafas solidu għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, li jistabbilixxi wkoll reġistri ta' sjieda benefiċjarja għal entitajiet ġuridiċi u għal arranġamenti legali u reġistri tal-kontijiet tal-banek ċentrali[8]. Id-Direttiva 2019/1153 dwar l-użu ta' informazzjoni finanzjarja tagħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi aċċess dirett għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-kriminalità serja[9].

1.3. L-iskop u l-istruttura tar-rapport, il-ġbir tal-informazzjoni u l-metodoloġija

F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Direttiva, it-taqsima 2 ta' dan ir-rapport tivvaluta l-implimentazzjoni tad-Direttiva. Is-Subtaqsima 2.1 tipprovdi valutazzjoni ġenerali u tissottolinja l-miżuri adottati mill-Istati Membri sabiex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Is-Subtaqsima 2.2 tivvaluta kull dispożizzjoni tad-Direttiva. L-eżempji tul ir-rapport kollu jipprovdu lill-qarrej b'ħarsa ġenerali lejn il-mod li bih id-Direttiva ġiet trasposta madwar l-UE. L-analiżi f'dan ir-rapport hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri sal-1 ta' Diċembru 2019.

Ir-rapport isegwi wkoll mid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni dwar l-analiżi tal-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna fl-UE[10] li ġie adottat fl-2019. It-Taqsima 3 twieġeb formalment għal talba tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex jiġu vvalutati l-fattibbiltà u l-benefiċċji possibbli tal-introduzzjoni ta' regoli komuni addizzjonali dwar il-konfiska ta' proprjetà dderivata minn attivitajiet kriminali fin-nuqqas ta' kundanna ta' persuna jew ta' persuni speċifiċi għal dawn l-attivitajiet.[11]

It-Taqsima 4 ta' dan ir-rapport teżamina l-ħidma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, stabbiliti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI, u l-isfidi li dawn jaffaċċjaw meta jwettqu l-kompiti ta' kuljum tagħhom.

Il-kriminali jittrasferixxu u jifirxu l-assi akkwistati illegalment minnhom f'diversi ġurisdizzjonijiet u jagħmluha diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti sabiex jittraċċaw, jiffriżaw u jikkonfiskaw dawn l-assi. Għalhekk, il-kooperazzjoni internazzjonali hija kruċjali għall-irkupru effettiv tal-assi kriminali. It-Taqsima 5 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-istrumenti internazzjonali li huma rilevanti għall-qasam tal-irkupru tal-assi.

Dan ir-rapport huwa mingħajr ħsara għal kwalunkwe żvilupp leġiżlattiv jew mhux leġiżlattiv ulterjuri fl-Istati Membri tal-UE. Il-Kummissjoni se tkompli tixtarr jekk il-miżuri nazzjonali jikkonformawx mad-dispożizzjonijiet korrispondenti fid-Direttiva. Fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni se tagħmel użu mis-setgħat ta' infurzar skont it-Trattati permezz ta' proċeduri ta' ksur.

---

[8] Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2015/849 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, u li temenda d-Direttivi 2009/138/KE u 2013/36/UE, ĠU L 156, 19.6.2018, pp. 43–74

[9] Id-Direttiva (UE) 2019/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi regoli li jiffaċilitaw l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' ċerti reati kriminali, u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/642/ĠAI, ĠU L 186, 11.7.2019, pp. 122–137

[10] SWD(2019) 1050 final.

[11] Id-Dokument tal-Kunsill 7329/1/14 REV 1 ADD 1.

2. VALUTAZZJONI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVA

2.1. Valutazzjoni ġenerali u l-impatt tad-Direttiva fuq is-sistemi nazzjonali għall-irkupru tal-assi

Tmien Stati Membri biss innotifikaw lill-Kummissjoni dwar it-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tagħhom sad-data ta' skadenza tat-traspożizzjoni tal-4 ta' Ottubru 2016. B'riżultat ta' dan, f'Novembru 2016 il-Kummissjoni bagħtet ittri ta' avviż formali għan-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni lil 18-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, il-Kroazja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvezja). Wara dan, 15 minn dawn it-18-il Stat Membru nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni billi ddikjaraw li t-traspożizzjoni tlestiet. Wara l-verifika tal-kompletezza tat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-proċeduri ta' ksur għal dawn il-15-il Stat Membru. Bħalissa għadhom miftuħin biss tliet proċeduri ta' ksur għan-nuqqas ta' komunikazzjoni. Dawn jikkonċernaw il-Bulgarija, il-Lussemburgu u r-Rumanija[12].

L-analiżi tal-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tipprovdi lill-Kummissjoni b'għarfien dwar **l-impatt tad-Direttiva fuq is-sistemi nazzjonali ta' rkupru u ta' konfiska tal-assi**. Minn 26 Stat Membru, 24 huma marbuta bid-Direttiva u kellhom jadottaw leġiżlazzjoni ġdida sabiex jittrasponu d-dispożizzjonijiet tagħhom fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali tagħhom[13]. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali kienu jikkonsistu f'emendi għad-dispożizzjonijiet li diġà kienu jeżistu fid-dritt nazzjonali. Dawn **l-emendi wasslu għal tibdiliet fil-kunċetti legali li ġejjin**:

- **id-definizzjonijiet ta' "rikavat" u ta' "mezzi strumentali"** (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Finlandja);
- **konfiska bbażata fuq kundanna** (l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, l-Italja, il-Latvja, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja);
- **konfiska mhux ibbażata fuq kundanna** (il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Ċipru, il-Latvja, Malta, il-Portugall, il-Finlandja, l-Iżvezja);
- **konfiska estiża u l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati li għalihom hija permessa l-konfiska estiża** (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja);
- **konfiska ta' partijiet terzi** (l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, il-Finlandja);

[12] Għall-Bulgarija, għal-Lussemburgu u għar-Rumanija, il-verifika tal-konformità għadha ma twettqitx bis-sħiħ u kwalunkwe element li jinsab f'dan ir-rapport ta' implimentazzjoni jikkonċerna l-leġiżlazzjoni diġà nnotifikata minn dawn l-Istati Membri u huwa mingħajr ħsara għall-iżviluppi leġiżlattivi futuri.

[13] NL u SI ddikjaraw li r-regoli eżistenti tagħhom dwar l-iffriżar u l-konfiska kienu f'konformità sħiħa mad-Direttiva u li ma kienet meħtieġa l-ebda emenda.

- **iffriżar** (l-Awstrija, il-Portugall);
- **salvagwardji** (Spanja, Franza, il-Latvja, il-Portugall);
- **eżekuzzjoni effettiva tal-ordnijiet ta' konfiska** (il-Latvja, Malta, l-Awstrija, il-Portugall);
- **il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata** (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, il-Portugall, ir-Rumanija).

2.2. Valutazzjoni speċifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni fl-Istati Membri

2.2.1. Definizzjonijiet (l-Artikolu 2)

L-Artikolu 2 jiddefinixxi t-termini "**rikavat**", "**proprjetà**", "**mezzi strumentali**", "**konfiska**", "**iffriżar**" u "**reat kriminali**".

Dawn id-definizzjonijiet mhumiex espliċitament trasposti f'numru ta' Stati Membri, iżda l-kunċetti huma inkorporati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-iffriżar u l-konfiska.

Il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fil-Greċja u f'Ċipru tinkludi definizzjonijiet ta' dawn it-termini kollha. It-terminu "rikavat" huwa ddefinit fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Kroazja, f'Malta, fil-Portugall, fil-Finlandja u fl-Iżvezja. "Proprjetà" hija definita speċifikament fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fl-Estonja, fl-Irlanda, fil-Kroazja, fil-Latvja, fl-Ungerija, f'Malta, fil-Portugall, fir-Rumanija, fis-Slovenja u fis-Slovakkja. It-terminu "mezzi strumentali" huwa ddefinit fir-Repubblika Ċeka, f'Malta u fil-Portugall. It-terminu "konfiska" huwa ddefinit fil-Bulgarija, fil-Latvja u fil-Litwanja. L-"iffriżar" huwa ddefinit fl-Awstrija, fl-Ungerija u fin-Netherlands.

2.2.2. Kamp ta' Applikazzjoni (l-Artikolu 3)

L-Artikolu 3 jistabbilixxi l-**kamp ta' applikazzjoni** tad-Direttiva **billi jistabbilixxi r-reati li għalihom huma permessi l-iffriżar u l-konfiska**. L-Artikolu 3 jinkludi kontroreferenzi diretti għal strumenti legali oħra tal-UE (l-ittri (a) – (k)) u għar-reati kriminali li jirregolaw.

Id-dispożizzjonijiet ta' strumenti legali oħra jipprevedu wkoll l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità. Pereżempju, l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2017/1371 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali[14] jiddikjara speċifikament li l-iffriżar u l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità jenħtieġ li jkunu permessi għar-reati kriminali permezz tat-tali Direttiva[15].

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-

[14] Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali, ĠU L 198, 28.7.2017, pp. 29–41.

[15] Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali, li għalihom tapplika d-Direttiva, huwa pprovdut fl-Anness ta' dan ir-rapport.

Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja) japplikaw l-iffriżar u l-konfiska għar-reati kollha. Franza u Malta ppermettewhom għar-reati kkundannati b'mill-anqas sena priġunerija. Il-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja u Spanja ppermettew l-iffriżar u l-konfiska għar-reati intenzjonali kollha. Fis-Slovakkja, dawn huma permessi għar-reati kollha, b'mod partikolari meta d-delinkwent jingħata sentenza ta' priġunerija għal għomru jew għal priġunerija inkondizzjonali għal reat serju. Fl-Irlanda, huwa possibbli li jiġu ffriżati u kkonfiskati assi għal lista ta' reati.

2.2.3. Konfiska (l-Artikolu 4)

2.2.3.1. Konfiska bbażata fuq kundanna (l-Artikolu 4(1))

L-Artikolu 4(1) jeħtieġ li l-Istati Membri **jippermettu, soġġetti għal kundanna definittiva għal reat, il-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat minn reat jew minn proprjetà, li l-valur tagħhom jikkorrispondi għal tali mezzi strumentali u rikavat**. Tali **kundanna definittiva tista' tirriżulta wkoll minn proċeduri *in absentia***.

L-Istati Membri kollha ppermettew, soġġetti għal kundanna definittiva, il-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità.

Għall-konfiska tal-proprjetà, li l-valur tagħha jikkorrispondi għal tali mezzi strumentali u rikavat, id-dritt nazzjonali fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Spanja, Ċipru, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja) jipprovdi għall-possibbiltà li jiġu kkonfiskati assi oħra b'valur ekwivalenti għall-mezzi strumentali u għar-rikavat mill-kriminalità. F'diversi Stati Membri (il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Kroazja, il-Litwanja, in-Netherlands) huwa possibbli li l-persuna kkundannata tiġi ordnata tħallas ammont ta' flus li jikkorrispondi għall-valur tal-assi soġġetti għall-konfiska.

2.2.3.2. Konfiska mhux ibbażata fuq kundanna (l-Artikolu 4(2))

Jekk il-konfiska bbażata fuq kundanna definittiva, skont l-Artikolu 4(1), ma tkunx possibbli, l-Istati Membri jridu **jippermettu l-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità tal-anqas meta l-proċeduri kriminali mibdija ma jkunux jistgħu jipproċedu minħabba mard jew il-ħarba tal-persuna suspettata jew akkużata**.

L-eżistenza ta' proċeduri *in absentia* fil-Belġju, fl-Estonja, fin-Netherlands u fis-Slovakkja hija biżżejjed sabiex tinżamm konformità mar-rekwiżit tal-Artikolu 4(2).

F'Malta u fl-Awstrija, il-konfiska mingħajr kundanna minn qabel hija permessa f'każijiet ta' mard u ta' ħarba. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja) id-dritt nazzjonali jmur lil hinn mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

Fil-Kroazja, il-konfiska hija permessa meta: (i) il-persuna akkużata tkun f'kundizzjoni permanenti li ma tippermettilhiex tagħmel sottomissjonijiet jew inkella ma tkunx disponibbli b'mod permanenti għall-awtoritajiet; u (ii) il-valur tal-assi jaqbeż HRK 60 000 (madwar EUR 8 000 fiż-żmien tal-kitba). Il-Bulgarija u s-Slovenja stabbilixxew proċeduri li jippermettu l-konfiska tal-assi fi proċeduri ċivili meta persuna tiġi akkużata

għal sett ta' reati ddeterminat fl-atti legali. Fiż-żewġ Stati Membri, din it-tip ta' konfiska ma tiddependix fuq kundanna kriminali.

Fir-Rumanija, id-dritt nazzjonali jipprovdi għall-konfiska ta' oġġetti li l-oriġini leġittima tagħhom ma tkunx tista' tiġi spjegata mingħand persuni b'kariga pubblika. Il-proċeduri tal-qorti jistgħu wkoll isiru *in absentia* meta l-persuna akkużata tkun ħarbet jew biddlet l-indirizz.

Fl-Iżvezja, il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tkopri l-konfiska meta l-kundanna tal-persuna akkużata jew suspettata ma tkunx possibbli minħabba "ostaklu permanenti" (eż. il-mewt tal-awtur ta' reat jew l-iskadenza taż-żmien tal-preskrizzjoni). Il-leġiżlazzjoni kontra l-ħasil tal-flus fil-Greċja tippermetti l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità jekk id-delinkwent ikun miet jew jekk il-proċeduri kriminali jkunu waqfu jew ġew iddikjarati inammissibbli.

2.2.4. Konfiska estiża (l-Artikolu 5)

2.2.4.1. Konfiska estiża (l-Artikolu 5(1))

L-Artikolu 5 jistabbilixxi dispożizzjonijiet dwar il-konfiska estiża, **li jeħtieġu li l-Istati Membri jippermettu l-konfiska ta' proprjetà ta' persuna kkundannata meta: (i) ir-reat ikun jista' jwassal għal benefiċċju ekonomiku; u (ii) iċ-ċirkustanzi tal-każ jindikaw li l-proprjetà hija dderivata minn imġiba kriminali**.

L-analiżi tissuġġerixxi li hemm standards ta' evidenza li jvarjaw bejn l-Istati Membri[16]. Fl-Awstrija, il-konfiska estiża tkun permessa biss jekk ikun "raġonevoli li wieħed jassumi" li l-proprjetà hija dderivata minn imġiba illegali. Fl-Estonja, f'Ċipru u fin-Netherlands il-qorti tista' "tippreżumi" li l-assi jkunu dderivati minn attivitajiet illegali. Fir-Repubblika Ċeka, il-konfiska estiża teħtieġ li l-qorti "tikkunsidra" li parti mill-proprjetà hija dderivata minn attivitajiet kriminali. Fi Spanja l-qorti trid "tiddeċiedi, abbażi ta' evidenza oġġettiva soda" li l-proprjetà tkun idderivata minn attivitajiet illegali. Fil-Latvja, fil-Litwanja u f'Malta l-qrati jridu "jemmnu b'mod raġonevoli" li l-proprjetà tkun idderivata minn attività illeċita. Fil-Belġju jrid ikun hemm "indikazzjonijiet serji u konkreti" li jirriżultaw vantaġġi mir-reat. Fl-Iżvezja, il-qorti trid tikkunsidra "li jkun b'mod ċar aktar probabbli li r-rikavat ikun ġej minn attività kriminali milli le". Fir-Rumanija, il-qorti trid tkun "konvinta" li l-proprjetà tkun idderivata minn imġiba kriminali.

Il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Latvja, Malta, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija) fiha kriterji li jgħinu lill-qorti nazzjonali tiddetermina jekk l-assi inkwistjoni joriġinawx minn imġiba illegali (eż. l-eżistenza ta' diskrepanza bejn l-introjtu legali tal-persuna affettwata u l-valur tal-assi tagħha jew is-sitwazzjoni finanzjarja u l-istil ta' ħajja tagħha). F'diversi Stati Membri, il-konfiska estiża ma tkunx possibbli jekk il-valur tal-proprjetà jkun anqas minn ċertu limitu, pereżempju, anqas minn EUR 12 500 fil-Litwanja u anqas minn PLN 200 000 fil-Polonja (madwar EUR 47 000 fiż-żmien tal-kitba). Fil-Bulgarija u fis-Slovenja, irid ikun hemm diskrepanza bejn l-introjtu legali tal-

[16] Hemm bżonn ta' ċerta kawtela meta jitqabblu l-formulazzjonijiet tad-diversi standards nazzjonali peress li hemm interpretazzjonijiet differenti fil-livell domestiku.

persuna suspettata jew akkużata u l-proprjetà tagħha, li tammonta għal tal-anqas BGN 150 000 (madwar EUR 76 700 fiż-żmien tal-kitba) u EUR 50 000 rispettivament. L-eżistenza ta' diskrepanza bejn l-introjtu legali tal-persuna suspettata u l-assi tagħha hija meħtieġa wkoll fid-dritt Slovakk u trid tkun tammonta għal tal-anqas 1 500 darba l-paga minima fil-pajjiż.

Xi Stati Membri stabbilixxew termini preskrittivi li fihom l-assi akkwistati jistgħu jitqiesu bħala li joriġinaw minn kondotta kriminali (eż. ħames snin qabel l-akkuża fil-Belġju, fl-Ungerija, fil-Portugall u fir-Rumanija; sitt snin qabel l-akkuża f'Ċipru u fl-Irlanda; għaxar snin qabel l-akkuża fil-Bulgarija; ħames snin qabel ma jitwettaq ir-reat fir-Repubblika Ċeka, fil-Litwanja u fil-Polonja u sitt snin qabel it-twettiq tar-reat kriminali fin-Netherlands).

Il-Bulgarija u s-Slovenja ttrasponew din id-dispożizzjoni permezz tal-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-konfiska ċivili, li permezz tagħha huwa possibbli li tiġi kkonfiskata l-proprjetà ta' persuna li ma tkunx ikkundannata b'reat kriminali.

2.2.4.2. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali li għalihom trid tkun permessa l-konfiska estiża (l-Artikolu 5(2))

L-**Artikolu 5(2)** jipprevedi **li l-konfiska estiża trid tkun disponibbli *tal-anqas* għal ċerti reati elenkati espliċitament,**[17] u **għal tali reati fl-Artikolu 3 tad-Direttiva li huma punibbli (skont strument tal-UE jew id-dritt nazzjonali) b'piena ta' kustodja ta' massimu ta' mill-anqas erba' snin**.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja) fasslu listi speċifiċi ta' reati li għalihom hija permessa l-konfiska. Barra minn hekk, f'numru ta' Stati Membri, il-konfiska estiża hija wkoll permessa għar-reati kriminali kollha punibbli b'sentenza ta' priġunerija ta' mill-anqas tliet snin jew aktar (l-Awstrija) jew tal-anqas erba' snin jew aktar (ir-Repubblika Ċeka, il-Finlandja, l-Iżvezja). Fil-Ġermanja, fl-Italja, f'Ċipru, u fil-Litwanja, il-konfiska estiża hija permessa għal kull reat. F'Malta, il-konfiska estiża hija permessa għal kwalunkwe reat li jista' jingħata piena ta' priġunerija ta' aktar minn sena . Fi Franza, il-konfiska estiża hija permessa għal reati punibbli bi priġunerija ta' mill-anqas ħames snin jew aktar. Fl-Irlanda, fil-Lussemburgu u fir-Rumanija, il-konfiska estiża hija permessa għar-reati kriminali kollha ssanzjonati bi priġunerija ta' erba' snin jew aktar. It-traspożizzjoni tal-leġiżlazzjoni f'diversi Stati Membri (il-Finlandja, Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija) fiha r-rekwiżit li r-reat kriminali jrid ikun tali li jiġġenera qligħ finanzjarju. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-konfiska estiża ġiet permessa l-aktar għar-reati meħtieġa mill-Artikolu 5(2).

2.2.5. Konfiska fir-rigward ta' parti terza (l-Artikolu 6)

L-Artikolu 6 jirrikjedi li l-Istati Membri **jippermettu l-konfiska tar-rikavat mill-kriminalità li jkun ġie ttrasferit lil parti terza, jew akkwistat direttament minn din, mingħand persuna suspettata jew akkużata**. Skont l-Artikolu 6, jenħtieġ li l-konfiska fir-rigward ta' parti terza tal-anqas tkun permessa f'każijiet li fihom il-parti terza kienet

[17] Il-kontenut tal-Artikolu 5(2) huwa pprovdut fl-Anness ta' dan ir-rapport.

taf jew missha kienet taf li l-iskop tat-trasferiment jew tal-akkwiżizzjoni kien li jevitaw il-konfiska.

Il-Belġju, l-Ungerija, l-Awstrija u s-Slovakkja jiddependu fuq regoli ġenerali ta' konfiska, li jimmiraw lejn l-oriġini illeċita tal-oġġett, u li jippermettu l-konfiska tiegħu irrispettivament minn jekk jappartjenix lill-persuna suspettata jew akkużata jew lil parti terza. Il-bqija tal-Istati Membri daħħlu fis-seħħ dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-konfiska fir-rigward ta' partijiet terzi.

Ir-rekwiżit "mentali" li l-persuni terzi "kienu jafu jew suppost li kienu jafu [...] li l-għan tat-trasferiment jew tal-akkwist kien biex tiġi evitata l-konfiska" ġie rifless fil-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja). Il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fi Franza, fil-Latvja u fil-Lussemburgu tirreferi għall-konfiska ta' proprjetà li hija "għad-dispożizzjoni" ta' persuna kkundannata. Il-leġiżlazzjoni Taljana tippermetti l-konfiska ta' oġġetti/benefiċċji, li l-persuna kkundannata tkun id-detentur tagħhom "permezz ta' persuna fiżika jew entità ġuridika". Il-leġiżlazzjoni fil-Kroazja tirreferi għall-konfiska ta' proprjetà illeċita "ttrasferita lil persuna jew mhux akkwistata *in bona fede*".

L-Artikolu 6 jirreferi biss għall-konfiska ta' "rikavat, li, direttament jew indirettament, ikun ġie ttrasferit lil partijiet terzi, jew ikun ġie akkwistat minnhom". Madankollu, il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni f'xi Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Franza, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall) tippermetti wkoll il-konfiska tal-mezzi strumentali ttrasferiti lil parti terza jew akkwistati minn din.

Fir-Rumanija, id-dritt nazzjonali jipprevedi l-konfiska ta' proprjetà minn membri tal-familja u minn entitajiet ġuridiċi. Fil-Bulgarija, id-dispożizzjoni ġiet trasposta permezz tal-liġi dwar il-konfiska ċivili, li hija applikabbli għal lista speċifika ta' reati.

L-Artikolu 6(2) jipprovdi li jenħtieġ li d-drittijiet ta' partijiet terzi *bona fide* ma jkunux ippreġudikati. Il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni fi kważi l-Istati Membri kollha tikkonforma ma' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva u tiżgura li d-drittijiet ta' partijiet terzi *bona fide* jkunu ppreservati.

2.2.6. Iffriżar (l-Artikolu 7)

L-Artikolu 7(1) jeħtieġ li l-Istati Membri **jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu l-iffriżar tal-proprjetà bl-għan tal-konfiska sussegwenti tagħha**. Dan jipprovdi wkoll **għall-iffriżar urġenti tal-proprjetà sabiex tiġi evitata d-dissipazzjoni tagħha (jiġifieri tinbiegħ, tiġi ttrasferita, tintefaq jew tinħela)**.

L-iffriżar tal-proprjetà bl-għan tal-konfiska sussegwenti tagħha ġie permess fl-Istati Membri kollha. Il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja u l-Iżvezja taw lill-awtoritajiet tal-prosekuzzjoni u tal-infurzar tal-liġi tagħhom is-setgħat sabiex jieħdu azzjoni urġenti u jiffriżaw il-proprjetà qabel l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Fil-Belġju, fil-Bulgarija, fil-Greċja, fi Spanja, fl-Ungerija, f'Ċipru, fil-Litwanja, f'Malta, fin-Netherlands, fl-Awstrija, fis-Slovenja u fir-Rumanija, il-formulazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tista' tiġi interpretata li tinvolvi n-natura "urġenti" tal-miżuri proviżorji.

L-Artikolu 7(2) jirrikjedi li l-Istati Membri jippermettu l-iffriżar tal-**proprjetà ta' parti terza bl-għan tal-konfiska sussegwenti**. Dan huwa possibbli fl-Istati Membri kollha.

2.2.7. Salvagwardji (l-Artikolu 8)

Id-Direttiva taffettwa d-drittijiet mhux biss ta' persuni suspettati jew akkużati, iżda anki ta' partijiet terzi li ma jkunux qed jitressqu quddiem il-qorti. L-Artikolu 8 jistabbilixxi salvagwardji u rimedji speċifiċi, immirati sabiex jiggarantixxu li d-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati mill-miżuri ta' ffriżar u/jew ta' konfiska jiġu rispettati.

L-Artikolu 8(1) jirrikjedi li l-**persuni affettwati mill-miżuri ta' ffriżar jew ta' konfiska jkollhom id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust sabiex jitħarsu d-drittijiet tagħhom.** Il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni fl-ebda wieħed mill-Istati Membri ma jirriflettu b'mod espliċitu l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni. L-Istati Membri indirizzaw dan ir-rekwiżit tad-Direttiva primarjament permezz ta' miżuri fil-Kodiċijiet Proċedurali Kriminali tagħhom.

L-Artikolu 8(2) jirrikjedi **li kwalunkwe ordni ta' ffriżar tkun motivata u kkomunikata lill-persuna affettwata malajr kemm jista' jkun wara l-eżekuzzjoni tagħha**. Meta jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat ix-xkiel għal investigazzjoni li tkun għaddejja, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipposponu l-komunikazzjoni.

Il-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jindikaw li l-ordnijiet ta' ffriżar ikunu motivati u jiġu kkomunikati lill-persuna affettwata. Fi Stat Membru wieħed, mhuwiex ċar jekk l-ordni tiġix ikkomunikata individwalment lill-persuna affettwata peress li l-miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni jipprovdu għall-komunikazzjoni tal-ordni ta' ffriżar fil-Gazzetta tal-Gvern. L-immedjatezza tal-komunikazzjoni hija riflessa fil-leġiżlazzjoni ta' nofs l-Istati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Franza, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Polonja, is-Slovenja, il-Finlandja, l-Iżvezja). Il-leġiżlazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja) tippermetti espliċitament il-posponiment tal-komunikazzjoni ta' ordni ta' ffriżar sabiex ma tkunx imxekkla investigazzjoni li tkun għaddejja.

L-Artikolu 8(3) jipprevedi li l-**ordni ta' ffriżar trid tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun meħtieġa sabiex tiġi ppreservata l-proprjetà bl-għan tal-konfiska possibbli**. Kważi l-Istati Membri kollha żguraw li l-ordni ta' ffriżar tibqa' fis-seħħ biss sakemm tkun meħtieġa.

L-Artikolu 8(4) jiddikjara li l-**persuna affettwata tista' tikkontesta l-ordni ta' ffriżar quddiem qorti**. L-obbligu huwa traspost fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri permezz ta' regoli ġenerali dwar il-proċedura kriminali.

L-Artikolu 8(5) jirrikjedi **li l-proprjetà ffriżata li ma tiġix sussegwentement ikkonfiskata tiġi rritornata lill-persuna affettwata minnufih**. Dan ir-rekwiżit huwa rifless b'mod espliċitu fil-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Greċja, Franza, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, l-Iżvezja).

L-Artikolu 8(6) jeħtieġ li **kwalunkwe ordni ta' konfiska tkun motivata u tiġi kkomunikata lill-persuna affettwata**. **Jeħtieġ li l-persuna affettwata tingħata l-possibbiltà li tikkontesta l-ordni quddiem qorti**. L-obbligu huwa traspost fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri permezz ta' regoli ġenerali dwar il-proċedura kriminali.

L-Artikolu 8(7) jipprovdi lill-**persuni li l-proprjetà tagħhom tkun affettwata minn ordni ta' konfiska bid-dritt ta' aċċess għal avukat matul il-proċeduri ta' konfiska**. L-Istati Membri kollha ttrasponew din id-dispożizzjoni għal każijiet li fihom il-persuna affettwata mill-proċeduri ta' konfiska tkun akkużata b'reat kriminali. Madankollu, is-sitwazzjoni hija anqas ċara fir-rigward ta' persuni oħra affettwati mill-proċeduri ta' konfiska.

L-Artikolu 8(8) jippermetti **lill-persuna affettwata fil-proċeduri msemmija fl-Artikolu 5 li tikkontesta ċ-ċirkustanzi tal-każ, inklużi l-fatti speċifiċi u l-evidenza disponibbli li abbażi tagħhom il-proprjetà titqies li tkun idderivata minn attività kriminali**. L-obbligu huwa traspost fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri permezz ta' regoli ġenerali dwar il-proċedura kriminali.

L-Artikolu 8(9) jeħtieġ li l-**partijiet terzi jkunu intitolati jitolbu t-titolu ta' proprjetà jew drittijiet oħra tal-proprjetà**. F'diversi Stati Membri (il-Belġju, Ċipru, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, il-Lussemburgu, l-Awstrija, il-Portugall) il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali jirreferi b'mod espliċitu għad-drittijiet tal-partijiet terzi li jipparteċipaw fil-proċeduri ta' konfiska. Fi Stati Membri oħra (l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, is-Slovenja, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja), dan ir-rekwiżit huwa traspost permezz ta' regoli ġenerali tal-proċedura kriminali dwar id-drittijiet tal-persuna "interessata" jew "ikkonċernata" affettwata mill-konfiska sabiex titlob id-drittijiet tal-proprjetà tagħha. F'diversi Stati Membri l-partijiet terzi jistgħu jinvokaw id-drittijiet tagħhom fi proċeduri ċivili.

L-Artikolu 8(10) jeħtieġ li **l-miżura ta' konfiska ma żżommx lill-vittmi tal-kriminalità milli jfittxu kumpens għat-talbiet tagħhom**. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tiżgura li miżura ta' konfiska ma żżommx lil vittma milli titlob kumpens.

2.2.8. Konfiska u eżekuzzjoni effettivi (l-Artikolu 9)

L-Artikolu 9 jirrikjedi li **l-Istati Membri jippermettu l-iskoperta u t-traċċar tal-proprjetà li għandha tkun ikkonfiskata u ffriżata anke wara kundanna definittiva. Dan sabiex ikunu jistgħu jiġu eżegwiti bis-sħiħ l-ordnijiet ta' konfiska meta inizjalment ma tiġi identifikata l-ebda proprjetà - jew proprjetà insuffiċjenti - u l-ordni ta' konfiska tibqa' mhux eżegwita**.

Dispożizzjonijiet fil-liġijiet kriminali nazzjonali tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri (il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Greċja, Franza, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja) jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiskopru u jintraċċaw proprjetà tal-persuna kkundannata anki wara kundanna definittiva sabiex tiġi eżegwita bis-sħiħ ordni ta' konfiska maħruġa. Il-Latvja adottat leġiżlazzjoni ġdida sabiex tikkonforma ma' dan ir-rekwiżit tad-Direttiva.

Fl-Estonja, il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni teħtieġ li l-investigazzjoni finanzjarja tinbeda fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ tas-sentenza tal-qorti. Fis-Slovenja teżisti

kundizzjoni simili, iżda l-perjodu ta' żmien li fih għandha tinbeda l-investigazzjoni huwa ta' sena. Fil-Greċja, il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tippermetti b'mod espliċitu l-iffriżar tal-proprjetà jew tal-assi wara l-kundanna. Fil-Bulgarija, dan ir-rekwiżit huwa traspost b'miżuri tal-Att dwar l-Implimentazzjoni tas-Sanzjonijiet Penali u d-Detenzjoni f'Kustodja u fil-Kodiċi ta' Proċedura dwar it-Taxxa u l-Assigurazzjoni Soċjali. Fi Stat Membru wieħed (il-Belġju), il-leġiżlazzjoni ta' traspożizzjoni tagħti lill-Uffiċċju Ċentrali għas-Sekwestru u għall-Konfiska s-setgħa li jintraċċa u jidentifika proprjetà wara kundanna.

2.2.9. Ġestjoni tal-proprjetà ffriżata u kkonfiskata (l-Artikolu 10)

L-Artikolu 10(1) jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jiżguraw il-**ġestjoni adegwata tal-proprjetà li tkun iffriżata bl-għan ta' konfiska sussegwenti**. L-Istati Membri kollha adottaw dispożizzjonijiet sabiex jiżguraw il-ġestjoni adegwata tal-proprjetà ffriżata. Tlettax-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija) stabbilixxew, jew qegħdin fil-proċess li jistabbilixxu, Uffiċċji għall-Ġestjoni tal-Assi (AMOs) sabiex jiżguraw il-ġestjoni tal-proprjetà ffriżata bl-għan li jiġi ppreservat il-valur ekonomiku tagħha.

L-Artikolu 10(2) jobbliga lill-Istati Membri sabiex **jiżguraw il-bejgħ jew it-trasferiment ta' proprjetà ffriżata jew maqbuda, fejn dan ikun meħtieġ**. Kważi l-Istati Membri kollha adottaw miżuri li jittrasponu dan l-obbligu. F'żewġ Stati Membri, il-bejgħ jew it-trasferiment ta' proprjetà ffriżata kien permess biss għal proprjetà mobbli.

L-Artikolu 10(3) jirrikjedi li l-Istati Membri **jikkunsidraw l-użu mill-ġdid tal-proprjetà kkonfiskata għall-finijiet ta' interess pubbliku jew soċjali**. Minkejja n-natura mhux vinkolanti tal-Artikolu 10(3), teżisti leġiżlazzjoni speċifika dwar l-użu ta' proprjetà kkonfiskata għal skopijiet ta' interess pubbliku jew soċjali f' 19-il Stat Membru (il-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja)[18].

2.2.10. Statistika (L-Artikolu 11)

L-Artikolu 11 jobbliga lill-Istati Membri **jiġbru u jżommu statistika dwar: (i) in-numru ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska eżegwiti; u (ii) dwar il-valur stmat tal-proprjetà ffriżata u tal-proprjetà rkuprata fil-mument tal-konfiska**. L-Istati Membri jridu jibagħtu din id-*data* lill-Kummissjoni kull sena.

Ħdax-il Stat Membru (il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Litwanja, Malta, il-Portugall, is-Slovenja, l-Iżvezja) ittrasponew espliċitament ir-rekwiżit ta' ġbir ta' statistika fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Il-bqija tal-Istati Membri ma ttrasponewx dan ir-rekwiżit b'mod espliċitu fil-leġiżlazzjoni tagħhom iżda l-biċċa l-kbira minnhom xorta waħda bagħtu *data* statistika lill-Kummissjoni.

[18] Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-premessa 13 tad-Direttiva 2011/36/UE dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu tħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jużaw il-mezzi strumentali u r-rikavat maqbuda u kkonfiskati mir-reati msemmija fiha b'appoġġ tal-assistenza u tal-protezzjoni tal-vittmi, inkluż il-kumpens għall-vittmi. Aktar dettalji huma inklużi fit-Tieni rapport ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea (COM(2018) 777 final) u (SWD(2018) 473 final).

Fl-2017 u fl-2018, fuq talba tal-Kummissjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bagħtu d-*data* statistika skont l-Artikolu 11. L-analiżi turi li għalkemm l-Artikolu 11 wassal għal progress fil-prattiki tal-ġbir ta' *data* għall-iffriżar u għall-konfiska, għad hemm lok għal titjib sinifikanti, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* dwar in-numru ta' talbiet għal ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska li għandhom jiġu eżegwiti fi Stat Membru ieħor kif ukoll fir-rigward tal-valur tal-proprjetà rkuprata wara eżekuzzjoni fi Stat Membru ieħor[19]. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jtejbu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet varji involuti fil-proċess tal-irkupru tal-assi (eż. l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji, l-AMOs) sabiex jiżguraw li d-*data* tkun tirrifletti l-istampa sħiħa fl-Istati Membri.

Bażi statistika soda hija fundamentali għall-evalwazzjoni xierqa tal-prattiki u tal-politiki ta' konfiska. Għalhekk, l-għarfien espert tal-Eurostat se jkun meħtieġ fil-valutazzjoni tad-disponibbiltà u tal-kwalità tad-*data* riċevuta. L-assoċjazzjoni tal-Eurostat mal-ġbir futur ta' *data* dwar l-iffriżar u l-konfiska tista' twassal għal koordinazzjoni mtejba fl-Istati Membri.

3. VALUTAZZJONI TAL-FATTIBBILTÀ U L-BENEFIĊĊJI POSSIBBLI TAL-INTRODUZZJONI TA' REGOLI KOMUNI ULTERJURI DWAR KONFISKA MHUX IBBAŻATA FUQ KUNDANNA

Meta adottaw id-Direttiva, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ħarġu dikjarazzjoni konġunta li tistieden lill-Kummissjoni sabiex "*tanalizza, mal-ewwel opportunità li jkollha u b'kont meħud tad-differenzi bejn it-tradizzjonijiet legali u s-sistemi tal-Istati Membri, il-fattibbiltà u l-benefiċċji possibbli tal-introduzzjoni ta' aktar regoli komuni dwar il-konfiska ta' proprjetà li tirriżulta minn attivitajiet ta' natura kriminali, anke fin-nuqqas ta' kundanna ta' persuna speċifika jew persuni speċifiċi għal dawn l-attivitajiet.*"[20]

Fit-tħejjija tat-tweġiba tagħha għal din is-sejħa, il-Kummissjoni organizzat tliet laqgħat ta' esperti dwar is-suġġett ta' konfiska li mhux ibbażata fuq kundanna[21] u ppubblikat id-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni "Analiżi tal-miżuri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna fl-Unjoni Ewropea"[22]. L-analiżi tqieset bħala pass intermedjarju fit-tħejjija tat-tweġiba għall-koleġiżlaturi li hija pprovduta f'dan ir-rapport.

Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal, il-Kummissjoni nnotat li l-Istati Membri japplikaw varjetà ta' reġimi ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. Dawn ir-reġimi jvarjaw minn konfiska klassika mhux ibbażata fuq kundanna, kif prevista fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva, sa miżuri aktar estensivi li jinkludu: (i) proċeduri mmirati kontra l-assi illeċiti nfushom (proċeduri *in rem*[23]) jew (ii) miżuri dwar ġid mhux ġustifikat[24]. Filwaqt li l-

[19] Bħalissa l-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw din id-*data* lill-Kummissjoni biss jekk din tkun disponibbli fuq livell ċentrali. L-Artikolu 11(3) tad-Direttiva jħeġġiġhom jiġbruha b'mod ċentrali.

[20] Id-Dokument tal-Kunsill 7329/1/14 REV 1 ADD 1.

[21] Żewġ laqgħat fl-2016, fis-16 ta' Settembru u fis-17 ta' Novembru, u laqgħa waħda fl-2019 fid-9 ta' Settembru.

[22] SWD(2019) 1050 final.

[23] Proċeduri *in rem* (azzjoni kontra l-assi, mhux il-persuna) jinbdew sabiex jiġu kkonfiskati assi miksuba permezz ta' mġiba illegali.

[24] Proċeduri ta' ġid mhux ġustifikat iqabblu l-proprjetà proprja li persuna tkun kisbet mal-introjtu ddikjarat minn dik il-persuna sabiex jidentifikaw kwalunkwe disparità bejn it-tnejn. Mhuwiex meħtieġ l-istabbiliment ta' konnessjoni diretta jew indiretta ma' reat presuppost.

konfiska klassika mhux ibbażata fuq kundanna hija bbażata kważi esklussivament fil-liġi kriminali, proċeduri *in rem* jew ta' ġid mhux ġustifikat jiġu applikati fi proċeduri ta' natura kriminali, ċivili jew amministrattiva.

Wara t-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-konfiska, wieħed jista' josserva aktar konverġenza bejn is-sistemi ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna tal-Istati Membri. Madankollu, għad hemm differenzi sinifikanti fil-kamp ta' applikazzjoni u fit-tfassil ta' dawn il-miżuri ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. Kif ikkonfermat mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri marret lil hinn mir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva.

Ix-xejra fl-Istati Membri tal-UE miexja lejn sistemi ta' konfiska, għas-sistemi ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna, li huma aktar estensivi minn dawk previsti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva. L-analiżi tal-Kummissjoni fid-dokument ta' ħidma tal-persunal sabet li anki reġimi estensivi u robusti ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-qrati nazzjonali u mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Diversi Stati Membri għandhom reġimi aktar robusti ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna msejsa fuq proċeduri *in rem* jew fuq proċeduri ta' ġid mhux ġustifikat. Dawn is-sistemi wrew l-effikaċja tagħhom fl-irkupru tal-assi kriminali. Xi esperjenzi, bħall-proċeduri ta' konfiska mhux ibbażati fuq kundanna fl-Italja u fil-Ġermanja, jidhru partikolarment promettenti. Il-Kummissjoni se tkompli tanalizza sa liema punt dawn il-mudelli jistgħu jservu bħala pjanijiet iddettaljati għal reġim potenzjali futur Ewropew ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. Madankollu, għalissa, l-analiżi tal-Kummissjoni f'dan il-qasam hija ggwidata minn laqgħat ta' esperti u minn kunsiderazzjonijiet teoretiċi. Fuq il-bażi tas-sejbiet fit-taqsima 2.2.10 (statistika (l-Artikolu 11)), bħalissa d-*data* statistika ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva ma tistax tintuża bħala bażi affidabbli għall-valutazzjoni ta' konfiska mhux ibbażata fuq kundanna. Dan iżomm lill-Kummissjoni milli twettaq analiżi kwantitattiva tal-effettività tar-reġimi nazzjonali.

Dawn l-isforzi sabiex jissaħħu r-reġimi ta' rkupru tal-assi jridu jiġu analizzati fil-kuntest politiku u tas-soċjetà tagħhom. Il-kriminalità organizzata tibqa' waħda mill-akbar theddidiet għas-sigurtà tagħna u waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin tal-pubbliku. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata jadattaw faċilment għal żviluppi ġodda u l-ħin kollu jsibu modi ġodda sabiex jaħarbu d-detezzjoni. Ħafna drabi jkunu involuti f'diversi tipi ta' attivitajiet kriminali serji u r-riċerka esterna[25] targumenta li l-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata fl-ekonomija tista' titqies bħala sinifikanti fi kważi nofs l-Istati Membri. Huwa ċar li l-assi li bħalissa qed jinqabdu fl-UE mhumiex allinjati mal-aspettattivi tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jew tal-pubbliku. Il-kriminalità organizzata taffettwa lill-vittmi diretti tagħha, iżda l-infiltrazzjoni tagħha fl-ekonomija legali thedded ukoll is-suq intern tal-UE. Imbagħad din taffettwa l-fiduċja pubblika fl-istituzzjonijiet pubbliċi newtrali u effettivi u l-istat tad-dritt. Għalhekk, jenħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jaħdmu sabiex iżidu l-livelli ta' ffriżar u ta' konfiska madwar l-UE.

---

25 MORE - Modelling and mapping the risk of Serious and Organised Crime Infiltration in legitimate businesses across European territories and sectors, disponibbli fuq https://www.swp-berlin.org/en/projects/completed-projects-compl/more/

Il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni ta' miżuri ulterjuri fil-qasam tal-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna hija fattibbli u għandha benefiċċji potenzjali fiż-żieda tal-livelli ta' ffriżar u ta' konfiska tar-rikavat mill-kriminalità.

4. L-IDENTIFIKAZZJONI U T-TRAĊĊAR TA' ASSI AKKWISTATI ILLEGALMENT

Il-kapaċità li jiġu ffriżati u kkonfiskati l-assi tiddependi direttament mill-kapaċità tal-awtoritajiet li jintraċċawhom u jidentifikawhom b'mod effettiv. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI tistabbilixxi regoli minimi li jirrikjedu li l-Istati Membri jistabbilixxu jew jinnominaw Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi nazzjonali sabiex jiffaċilitaw it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' rikavat mill-kriminalità jew ta' proprjetà oħra relatata mal-kriminalità li jistgħu jsiru l-oġġett ta' ordni ta' ffriżar, ta' qbid jew ta' konfiska.

Mill-2015, l-Istati Membri kollha nnominaw l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tagħhom u SIENA tal-Europol saret is-sistema sikura ppreferuta għall-iskambju ta' informazzjoni għall-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (l-Uffiċċji kollha għall-Irkupru tal-Assi ħlief Ċipru, Malta, ir-Rumanija u s-Slovenja għandhom sottoentitajiet tal-"Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi" fi SIENA). L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi żdied b'mod drammatiku matul l-aħħar tmien snin, minn 539 skambju fl-2012 għal 7 659 fl-2019.

Mill-2009, il-Kummissjoni organizzat laqgħat tal-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi tal-UE sabiex l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi jiskambjaw l-aħjar prattiki; jiddiskutu kwistjonijiet strateġiċi u operazzjonali; u tiġi ffaċilitata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Mill-2011 il-Kummissjoni u l-Europol bdew jorganizzaw ukoll proċess ħafif ta' "rieżami bejn il-pari" għar-rieżaminar tal-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi nazzjonali ta' rkupru tal-assi.

B'enfasi dejjem akbar fuq l-irkupru tal-assi u l-kooperazzjoni akbar bejn l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi, dawn tal-aħħar qed jaffaċċjaw numru dejjem akbar ta' talbiet ta' traċċar tal-assi, li huma jridu jkunu kapaċi jittrattaw. Tqajmu bosta kwistjonijiet mill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi fil-kuntest tal-valutazzjoni komprensiva tal-2017 tal-politika tas-sigurtà tal-UE[26] u, aktar riċentement, matul il-laqgħa tal-Pjattaforma tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi ta' Mejju 2019. Dawn il-kwistjonjiet jinkludu:

- il-ħtieġa li l-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi jiġu pprovduti b'aċċess rapidu għal sett minimu ta' *data*;
- il-ħtieġa ta' skambju ta' informazzjoni permezz ta' SIENA sabiex tkun tista' ssir komunikazzjoni rapida u sigura tal-informazzjoni relatata mal-kriminalità;
- il-ħtieġa li jissaħħu s-setgħat tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (pereżempju, setgħat ta' ffriżar urġenti u l-kapaċità li jiġu traċċati l-assi wara kundanna kriminali definittiva);

[26] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Valutazzjoni Komprensiva tal-Politika tas-Sigurtà tal-UE" [traduzzjoni mhux uffiċjali], SWD(2017) 278 finali, disponibbli fuq: https://eur-lex.europa.eu/resource.html?uri=cellar:b43f3517-720a-11e7-b2f2-01aa75ed71a1.0001.02/DOC_1&format=PDF

- il-ħtieġa li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien fissi u stretti li fihom Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi jrid iwieġeb għal talba minn kontroparti.

Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltajiet sabiex tkompli ttejjeb it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' assi akkwistati illegalment.

5. ID-DIMENSJONI INTERNAZZJONALI U L-IRKUPRU TAL-ASSI

L-iffriżar u l-konfiska tal-assi kriminali huma wkoll meqjusa bħala għodda effettiva kontra l-kriminalità serja u organizzata fil-livell internazzjonali. Il-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali[27] (UNTOC, adottata fl-2000) u Kontra l-Korruzzjoni[28] (UNCAC, adottata fl-2003) fihom dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-partijiet statali tagħhom: (i) jippermettu t-traċċar, l-iffriżar u l-konfiska tal-assi illeċiti fit-territorji tagħhom; u (ii) jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw fil-proċess tal-irkupru tal-assi. Dawn il-konvenzjonijiet ġew irratifikati kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri kollha, u kważi għandhom applikazzjoni universali, u t-tnejn li huma ġew irratifikati minn aktar minn 185 pajjiż.

Il-Konvenzjoni ta' Varsavja tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil u l-Konfiska tal-Flus[29], adottata fl-2005, hija ftehim internazzjonali importanti ieħor. Din tippermetti l-iffriżar u l-konfiska tal-assi u l-kooperazzjoni internazzjonali fl-irkupru tal-assi. Din il-Konvenzjoni ġiet irratifikata minn ħafna mill-Membri tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluż minn 21 Stat Membru tal-UE. Id-dispożizzjonijiet tagħha dwar l-iskambju ta' informazzjoni u l-assistenza legali reċiproka ntużaw b'suċċess f'numru ta' każijiet relatati mal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi ġirien.

Fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, l-istandards tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (Financial Action Task Force, FATF) jimplikaw miżuri simili u jirrikjedu li l-pajjiżi jistabbilixxu miżuri robusti ta' ffriżar u ta' konfiska u li jkunu jistgħu jikkooperaw sabiex jirkupraw l-assi. Il-FATF tirrikonoxxi li "t-tnaqqis tar-rikavat mill-kriminalità jaffettwa l-bilanċ tar-riskju u tal-premju, u l-prospett li jintilfu l-profitti jista' jiskoraġġixxi lil xi wħud mill-kriminalità. Dan jista' jippermetti wkoll sabiex il-vittma tar-reat tiġi kkumpensata parzjalment jew kompletament anke meta r-rikavat jitmexxa madwar id-dinja. Dan huwa partikolarment rilevanti fil-każ tal-irkupru tal-assi"[30].

Il-proċeduri ta' assistenza reċiproka skont il-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Kunsill tal-Ewropa huma formalistiċi u jistgħu jieħdu żmien twil sabiex jitħejjew. Għalhekk huwa essenzjali li jsiru konsultazzjonijiet informali bejn l-awtoritajiet tal-pajjiżi kkonċernati qabel ma jitnedew tali proċeduri. Dan se jagħmilha possibbli li l-informazzjoni rilevanti kollha titħejja kif suppost skont ir-rekwiżiti tal-pajjiż li jirċievi t-talba u jiġi evitat li jkollha terġa' tinbeda l-proċedura minħabba żball proċedurali.

[27] https://www.unodc.org/unodc/en/organized-crime/intro/UNTOC.html

[28] https://www.unodc.org/unodc/en/corruption/ratification-status.html

[29] Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, il-Qabda u l-Konfiska ta' Profitti minn Attività Kriminali u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu, CETS Nru 198.

[30] Best Practices on Confiscation (Recommendations 4 and 38) and a Framework for Ongoing Work on Asset Recovery, Ottubru 2012, disponibbli fuq: https://www.fatf-gafi.org/media/fatf/documents/reports/Best%20Practices%20on%20%20Confiscation%20and%20a%20Framework%20for%20Ongoing%20Work%20on%20Asset%20Recovery.pdf

Appoġġ sinifikanti għal dawn il-proċeduri huwa pprovdut min-netwerks ta' prattikanti fl-irkupru tal-assi bħan-Network tal-Interaġenziji Camden għall-Irkupru tal-Assi (Camden Asset Recovery Inter-Agency Network, CARIN). Dawn in-netwerks informali għandhom punti ta' kuntatt tal-infurzar tal-liġi u ġudizzjarji f'kull pajjiż membru, li jgħinu fl-iskambju informali ta' informazzjoni dwar dawn it-tnejn: (i) l-identifikazzjoni u t-traċċar tal-assi; u (ii) it-tħejjija ta' talbiet għal assistenza legali reċiproka. Flimkien man-Networks reġjonali assoċjati tal-Interaġenziji għall-Irkupru tal-Assi (ARINs)[31], in-netwerk CARIN ikopri aktar minn 150 pajjiż u ġuriżdizzjoni.

6. KONKLUŻJONIJIET U T-TRIQ 'IL QUDDIEM

F'dawn l-aħħar snin, l-UE għamlet sforzi konsiderevoli sabiex tassisti fl-investigazzjonijiet finanzjarji u tarmonizza l-leġiżlazzjoni dwar il-konfiska fl-Istati Membri. L-adozzjoni tad-Direttiva wasslet għal progress sostanzjali fl-oqfsa tal-Istati Membri għall-irkupru tal-assi. Mill-2014 'l hawn 24 minn 26 Stat Membru, marbuta bid-Direttiva, adottaw leġiżlazzjoni ġdida sabiex jiżguraw li l-leġislazzjoni tagħhom tkun konformi mal-istandards għoljin meħtieġa mid-Direttiva. Il-livell ġenerali ta' implimentazzjoni tad-Direttiva madwar l-UE jista' jitqies bħala sodisfaċenti.

It-titjib ġenerali fl-oqfsa legali tal-Istati Membri dwar l-irkupru tal-assi huwa rifless ukoll fil-klassifikazzjoni pożittiva li dawn irċivew fl-evalwazzjonijiet sarulhom skont l-istandards tal-FATF. S'issa, 16-il Stat Membru li kellhom jittrasponu d-Direttiva ġew evalwati u lkoll instabu li kienu kompletament jew fil-biċċa l-kbira konformi mal-istandard relatat mal-iffriżar u mal-konfiska[32]. Madankollu, ir-riżultati kumplessivi f'termini tal-assi kkonfiskati mhumiex sodisfaċenti u r-rati ta' konfiska fl-UE għadhom baxxi ħafna.

L-analiżi mwettqa f'dan ir-rapport turi li hemm lok għal aktar progress fil-qasam tal-irkupru tal-assi. Dan jista' jinkiseb billi, pereżempju, (i) jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-reati kriminali, li għalihom tapplika d-Direttiva; (ii) jiġu introdotti regoli aktar effettivi dwar il-konfiska mhux ibbażata fuq kundanna; (iii) tinkiseb preċiżjoni akbar fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi ffriżati; (iv) jiġu introdotti dispożizzjonijiet dwar id-disponiment tal-assi, inkluż l-użu mill-ġdid soċjali tal-assi kkonfiskati; (v) jiġu stabbiliti regoli dwar il-kumpens lill-vittmi tal-kriminalità u (vi) tissaħħaħ il-kapaċità tal-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi li jintraċċaw u jidentifikaw l-assi illeċiti.

Għalhekk, il-Kummissjoni se tivvaluta l-potenzjal għal armonizzazzjoni akbar tar-reġimi tal-UE għall-irkupru tal-assi. Din il-valutazzjoni se tkopri kemm id-Direttiva 2014/42/UE kif ukoll id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/845/ĠAI, għaliex il-kapaċità li jiġu ffriżati u kkonfiskati l-assi illegali tiddependi direttament fuq il-kapaċità li dawn jiġu traċċati u identifikati.

Ir-reviżjoni possibbli tad-Direttiva u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tkun tirriżulta f'modernizzazzjoni mifruxa tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-irkupru tal-assi u tkompli

[31] L-ARINs reġjonali jinkludu ARINSA (l-Afrika t'Isfel), RRAG (l-Amerka Latina), ARIN-AP (l-Asja tal-Paċifiku), ARIN-EA (il-Lvant tal-Afrika), ARIN-WA (il-Punent tal-Afrika) u ARIN-CARIB (il-Karibew).

[32] Għal aktar informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet reċiproċi tal-FATF/Moneyval, żur http://www.fatf-gafi.org/

ssaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jiżguraw li l-kriminalità ma trendix.